**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Christopher Pullicino]**

**vs**

**Victor Fenech**

**Kumpilazzjoni Numru: 783/2012**

**Illum, 4 ta' Frar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Victor Fenech detentur tal-karta tal-identita` numru 362871M

1. akkuzat talli, f'xi hin matul il-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Marzu 2012 minn gewwa 23, Casa Calleja, Triq ix-Xemxija, Marsa, bil-hsieb li jikkometti delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u

tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u kien ikun sar ghad-dannu ta' Carmelo Calleja u/jew persuna/I ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu ta' l-ewro ghad-dannu ta' Carmelo Calleja u/jew persuna/I ohra;

3. U aktar talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet

mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag. Dr. C. Stafrace Zammit LLD li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ma tohrogx mid-dar fejn tirrisjedi wara t-tmienja ta' filghaxija.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Illi xehed **Carmelo Calleja** li qal li ghandu 85 sena u kien dahal jorqod fit-tmienja ta' filghaxija (8:00pm) fejn sakkar il-kamra tas-sodda tieghu bhal ma jaghmel is-soltu. Meta qam filghodu sab il-bieb ta' barra maqluh u sgassat minn kullimkien. Dakinhar ha l-ikbar xokk ta' hajtu fejn sab il-hwejjeg kollha li kellu fil-

kamra l-ohra u isfel kollha mitfughin mal-art. Qal li fil-kamra tieghu ma dahal hadd ghaliex kien imsakkar. Qal li ma sema' xejn bil-lejl ghaliex kien rieqed u ghaliex ghandu l-eta`. Ix-xhud qal li sab kullimkien imqalleb hlief il-kamra tas-sodda tieghu. Qal ukoll li ghamel rapport fejn qal li ma sab xejn nieqes u li kieku stess ma kien hemm xejn x'jiehdu. Ix-xhud qal ukoll li kellu jqabbad mastrudaxxa biex isewwi s-serratura fejn nefaq is-somma ta' mitt ewro (€100). Ix-xhud gie muri lill-imputat fejn qal li m'ghandux ideja min hu.

Xehed **Rodrick Mifsud** li qal li x-xhud Carmelo Calleja jigi z-ziju t'ommu. Qal li fis-sitta ta' filghodu (6:00am) kien gej mix-xoghol ta' bil-lejl fejn ra lil Carmelo Calleja fejn il-bieb ta' barra tieghu. Dak il-hin haseb hazin ghax jaf li mhux is-soltu li jqum daqshekk kmieni u mar hdejh u sabu skantat fejn qallu li xi hadd sgassalu l-bieb. Ix-xhud kien ixxukkjat ukoll u staqsieh jekk hadulu xi haga fejn wiegeb li jahseb li ma hadulu xejn. Ix-xhud jghid li dar il-kmamar maz-ziju t'ommu u ma sabu xejn nieqes imbaghad cempel u ghamel rapport mal-Pulizija. Mistoqsi kemm izur liz-ziju t'ommu x-xhud qal li jghaddi kuljum. Qal ukoll li l-imputat qatt ma rah ghand Carmelo Calleja u lanqas biss jafu. Qal ukoll li

kien kellem lill-mastrudaxxa pero` imbaghad Carmelo Calleja kien irranga mal-mastrudaxxa.

Illi xehed **PS 546 Mario Deguara** fejn qal li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu (7:00am) ircevew telefonata minghand Rodrick Mifsud fejn infurmahom li kienu sgassaw il-bieb ta' zijuh li joqghod 23, Casa Calleja, Triq ix-Xemxija, Marsa. Ix-xhud qal li mar fuq il-post fejn ikkonferma r-rapport u sabu l-bieb ta' barra tar-residenza msemmija sgassat fejn osserva wkoll li kien hemm xi daqqiet x'aktarx ta' lieva kif ukoll is-serratura tal-bieb kienet mghawga. Ix-xhud kellem lil Carmelo li qallu li l-gurnata ta' qabel kien sema' xi hsejjes mis-sular ta' fuq izda ma tax kaz. Qalilhom li kien filghodu ghall-habta tas-sitta (6:00) meta nizel fil-kcina biex jaghmel te` li nduna li kellu l-bieb ta' barra miftuh. Qalilhom ukoll li kien sab xi hwejjeg imqalbin u xi zewgt ikxaxen tal-kcina miftuhin. L-anzjan qal li ma kellu xejn nieqes. Ix-xhud ikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament (esebit bhala Dok. MD1).

Illi xehed ukoll l-**Ufficjal Prosekutur Christopher Pullicino** li qal li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) giet

irrappurtata serqa minn Casa Calleja, Triq ix-Xemxija, Marsa. L-Ispettur qal li l-Pulizija tkellmu mal-anzjan Carmelo Calleja li qal li min dahal f'daru pprova jfittex ghal xi affarijiet izda ma ttiehed xejn. Qal ukoll li gie infurmat l-Ispettur Darren Borg li min-naha tieghu kien informa s-Scene of Crime Officers sabiex jelevaw *fingerprints* u jiehdu ritratti. Sussegwentement dahlet l-informazzjoni li l-imputat Victor Fenech li gharaf fl-awla seta' kien involut f'dan il-kaz. Ix-xhud qal li kellem lill-imputat fit-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fejn baqa' jinnega l-involviment tieghu. Eventwalment hadulu l-*fingerprints* u gie mressaq il-Qorti. L-Ufficjal Prosekutur esebixxa l-istqarrija tal-imputat (Dok. CP4) li nghatat bil-kawteli kollha inkluz id-dritt tal-parir legali.

Illi fl-istqarrija li ttiehdet fit-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) **Victor Fenech**, li rrifjuta l-jedd ghall-parir legali (folio 29), qal li huwa ma jahdimx u li jirregistra. L-imputat ikkonferma li qabel l-istqarrija l-Pulizija gabruh mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u haduh hdejn id-dar numru 23, Casa Calleja, Triq ix-Xemxija, Marsa, sabiex juruh id-dar inkwistjoni. L-imputat qal li qatt ma dahal f'dik id-dar u ma jafx min hu s-sid. L-imputat ma

wegibx meta l-Ispettur qallu li l-Pulizija ghandha evidenza f'idejha li tindika li kien huwa stess li dahal fir-residenza inkwistjoni. L-imputat ghazel li ma wegibx id-domandi l-ohra tal-Ispettur. Huwa qal pero`li kien lest li jaghti l-*fingerprints* tieghu.

Xehed ukoll **PS826 Matthew Parnis** li huwa stazzjonat il-Laboratorju Forensiku fejn qal li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) ghamel xoghol relatat ma' *fingerprints* fil-fond numru 23, Casa Calleja, Triq ix-Xemxija, Marsa. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li jinsab immarkat bhala Dok. MP1. Minn dan ir-rapport jirrizulta li gie elevat *lifter* minn fuq id-dahar ta' pultruna li kienet wara l-bieb tad-dar ta' Carmelo Calleja.

Xehed ukoll **PS8 Stephen Bezzina** li kien xhud tal-istqarrija fejn qal li qabel l-istqarrija huwa flimkien ma' PS159 kienu hadu lill-imputat biex juruh ir-residenza inkwistjoni fejn l-imputat qallu li qatt ma kien dahal hemm u ma jafx il-persuna li tghix hemmhekk.

Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Novembru elfejn u tlettax (2013), il-Qorti nnominat lill-espert Joseph Mallia sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat u sussegwentement jaghmel komparazzjoni bejn dawn il-marki u dawk elevati minn fuq ix-xena tar-reat. Tali mpronti ttiehdu fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014).

Xehed ukoll **PS171 Karl Glenville** li esebixxa r-rapport tieghu (Dok. KG1) li jikkonsisti f'faxxiklu fotografiku ta' tlettax (13)-il ritratt. Minn dawn ir-ritratti l-Qorti tinnota l-hsara mas-serratura tal-bieb, marki u daqqiet mal-bieb ta' barra, hwejjeg mal-art, gwardarobbi u kxaxen miftuhin u anki l-pultruna minn fejn ittiehed il-*lifter.*

Xehed l-espert **Joseph Mallia** li qal li mill-ezami komparattiv li ghamel irrizulta li l-erba' (4) impronti digitali jaqblu mas-subgha tal-werrej, tan-nofs, tac-curkett u tas-subgha z-zghir tal-id ix-xellugija tal-imputat. Ix-xhud esebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. JM1 fejn l-espert ikkonkluda li l-erba' (4) mpronti digitali huma identici mas-swaba ta' Victor Fenech li joqghod fil-fond numru 37, Triq is-Serkin, Marsa.

Illi waqt l-andament ta' dawn il-proceduri l-Ispettur Chris Pullicino gie sostitwit mill-**Ispettur Kurt Zahra** li kien esebixxa erba' (4) sentenzi li gew immarkati Dok. KZ1 sa KZ4.

Illi l-Qorti nnutat li l-imputat ma ressaq l-ebda provi u ghalhekk l-istess Qorti ghalqet il-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat attentat ta' serq minn gewwa fond residenzjali proprjeta` ta' Carmelo Calleja, anzjan ta' hamsa u tmenibn (85) sena, fejn dan l-allegat serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-imputat. Il-Qorti tirrimarka li ma ngabet l-ebda prova ghaliex tali serq ma giex esegwit pero` rrizulta mix-xhieda ta' Carmelo Calleja li fid-dar ma kellu xejn x'wiehed jista' jiehu ghaliex huwa jghix "*minn naqra tal-pensjoni*". Mir-ritratti esebiti jidher li l-imputat kien qed ifittex affarijiet ta' valur jew forsi xi flejjes u di fatti l-kxaxen u l-gwardarobbi kienu miftuhin u l-hwejjeg kollha maqlughin u whud mal-art. L-imputat innega tali involviment da parti tieghu tant li huwa qal li qatt ma dahal fil-proprjeta` inkwistjoni. Inoltre l-imputat ma ressaq l-ebda provi difiza.

Illi l-fulkrum ta' dawn il-proceduri huwa r-rapport tal-espert Joseph Mallia li kkonstata li l-impronti digitali li gew elevati minn gewwa l-proprjeta` ta' Carmelo Calleja mis-Scene of Crime Officers irrizultaw identitici ghall-impronti tal-imputat li ttiehdu mill-espert Joseph Mallia seduta stante.

Illi apparti din il-prova xjentifika l-Prosekuzzjoni resqet ix-xhieda ta' diversi persuni pero` l-ebda wahda minn dawn ix-xhieda ma rat lill-imputat f'xi hin jitlaq mir-residenza ta' Carmelo Calleja jew inkella fil-vicinanzi tal-istess residenza.

Illi ghalhekk konfrontata b'din il-prova cirkostanzjali l-kwistjoni tibqa' jekk fil-fatt din il-Qorti ghandhiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat.
Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet.

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abdellah Berrad e**t deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dsatax (19) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn intqal li:

*"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w'allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

> *"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat."*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar*

*dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada** datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

> *"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of*

*eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-Qorti li tizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex

ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta illi l-unika prova li l-Qorti ghandha f'idejha li tista' timplika lill-imputat hija l-impronti digitali li giet elevata minn fuq il-pultruna li kienet tinsab gewwa r-residenza ta' Carmelo Calleja. Illi l-espert Joseph Mallia ikkonstata li l-impronti elevati mir-residenza jikkombacu mal-impronti ta' Victor Fenech. Skont l-istess espert l-impronti digitali rrizultaw identici. Din il-konkluzjoni hija bizzejjed sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti illi kien proprju l-imputat li kien involut fil-kummissjoni tar-reat li bih jinstab akkuzat.

> *"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-*

> *impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."* - (**Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza tletin (30) ta' Novembru elfejn u erbgha (2004) – Appelli Kriminali Inferjuri)

Hawnhekk il-Qorti tirrimarka li l-*lifter* bl-impronti digitali li gie elevat mir-residenza ta' Carmelo Calleja ma ttiehidtx min-naha ta' barra tar-residenza izda proprju minn fuq pultruna li kienet tinsab gewwa r-residenza inkwistjoni li jfisser *multo magis* li Victor Fenech accedda fil-fond ta' Carmelo Calleja. Din ir-rizultanza xjentifika tikkontrasta ma' dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu meta qal li huwa qatt ma dahal fir-residenza 23, Casa Calleja, Triq ix-Xemxija, Marsa. Bhala stat ta' fatt huwa impossibbli li l-impronti digitali ta' Victor Fenech spicca fuq il-pultruna gewwa r-residenza ta' Carmelo Calleja minghajr huwa qatt ma dahal f'tali fond. Inoltre l-imputat ma ressaq l-ebda

prova in difiza biex jinnega jew almenu jaghti spjegazzjoni ta' kif l-impronti tieghu spiccaw fuq din il-pultruna.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi mill-atti processwali jirrizulta li min dahal sgassa l-bieb ta' barra ta' Carmelo Calleja stante li s-serratura kienet imkissra u sahansitra kien hemm daqqiet fuq il-bieb. Jirrizultaw evidenti wkoll iktar atti esterni ghaliex apparti l-isgass, fir-ritratti dehru wkoll gwardarobbi u kxaxen miftuhin u hwejjeg mal-art u imqalbin.

Illi l-Qorti ghandha quddiemha prova cirkostanzjali ta' mpronti digitali li instabet fid-dar ta' Carmelo Calleja li taqbel ma' dik ta' l-imputat. Illi l-Qorti ghalhekk m'ghandhiex dubju illi sehhet dina s-serqa kif irrapurtat u li fiha kien involut l-imputat billi kien hemm impronti digitali tieghu fuq pultruna gewwa l-fond residenzjali u ghalhekk ma jistax ikun hemm dubju illi l-imputat kien prezenti gewwa d-dar ta' Carmelo Calleja. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' Magistrati (Malta) deciza fis-sitta (6) ta Gunju elfejn u tnax (2012) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josef Farrugia** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*"… jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi fid-29 ta' Novembru 2006 sehhet serqa minn gewwa l-vettura AGU150. Illi il-Qorti ghandha quddiemha prova cirkostanzjali ta' mpronta digitali li instabet fuq din il-vettura meta giet ezaminata mill-ufficjali tat-Taqsima tal-Forensika fid-29 ta' Novembru 2006 li jaqbel ma' dik tal-imputat. Illi meta d-derubata tixhed fil-Qorti hija tghid illi sabet xi pouches bic-CDs neqsin. Illi l-Qorti ghalhekk ma ghandhiex dubju illi sehhet dina s-serqa kif irrapurtat u li fiha kien involut l-imputat billi kien hemm impronti digitali tieghu fuq kontentitur gewwa l-karozza, u precisament fuq is-seat tal-passiggier u ghalhekk ma jistax ikun hemm dubju illi l-imputat kien prezenti gewwa dina l-vettura. Illi sabiex l-imputat kiseb access ghal dina l-vettura huwa ghamel hsara fl-istess u kwindi anke it-tieni akkuza tirrizulta ippruvata."*

Illi l-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz **Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et** hawn fuq citata fejn gie ritenut li: "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni*

*matematika".* Fil-kaz odjern il-Qorti hija konvinta oltre kull dubju li l-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni konsistenti fil-konkluzjoni tal-espert Joseph Mallia hija certament prova indizzjarja li tipprova fatt bi precizjoni matematika. B'referenza wkoll ghal **Archbold** ukoll hawn fuq citat ma tezisti l-ebda prova f'dawn il-proceduri li b'xi mod titfa' dubju fuq il-prova indizzjarja u fuq is-sejbien ta' htija a bazi ta' prova cirkostanzjali.

Illi tenut kont ta' dan u konfrontata b'tali evidenza xjentifika l-Qorti hija konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni li kien proprju l-imputat li kien dahal fil-proprjeta` ta' Carmelo Calleja bil-hsieb li jikkommetti d-delitt ta' serq u ghalhekk ghandu jigi kkundannat ghaliha.

Il-Qorti pero` tirrileva li mhijiex ser tiehu inkonsiderazzjoni l-aggravju tal-valur stante li l-imputat spicca ma seraq xejn u ghalhekk ir-reat ma jistax jigi kwalifikat bil-valur ukoll.

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll talli volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor. Il-Qorti tinnota li ma hemmx dubju li gew ikkagunati hsarat fuq il-bieb ta' barra ta'

Carmelo Calleja u dan kif jidher car mir-ritratti li ttiehdu minn PS171 Karl Glenville (rapport esebit bhala Dok. KG1). Ma hemmx dubju wkoll li dawn gew kagunati mill-imputat stante li nstabu l-impronti tieghu fil-fond inkwistjoni fid-data inkriminata meta l-imputat jghid li huwa qatt ma dahal f'tali fond.

Illi rigward il-valur tal-hsarat li gew ikkagunati l-Qorti tinnota li l-akkuza hija msejsa fuq l-Artikolu 325 sub-artikolu (1) paragrafu (b). F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghall-Avviz Legali 407 tas-sena 2007 fejn l-Artikolu 325 (1)(b) kien ghadu jaqra s-segwenti: *"jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)"*. Il-Qorti tirrimarka illi l-Prosekuzzjoni ma pproduciet l-ebda ricevuta biex tissustanzja l-valur tal-hsarat ikkagunati u l-unika prova li hemm f'dan is-sens hija x-xhieda ta' Carmelo Calleja fejn jghid li huwa kellu jinkorri mitt ewro (€100) spejjez biex isewwi s-serratura liema somma allura hija inqas mil-limitu stabbilit f'paragrafu (b).

Illi peress li l-Qorti mhijiex marbuta toqghod fuq l-Artikoli tal-Avukat Generali, l-istess l-Qorti ser issib htija taht l-Artikolu 325 (1)(c) fejn l-ammont tal-hsara *"ma jkunx jiskorri mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), imma jkun izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29)"* u dan fid-dawl ta' dak li xehed Carmelo Calleja. Minkejja li ma giet prodotta l-ebda ricevuta l-Qorti ssostni li m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita x-xhud Carmelo Calleja u dan ghaliex kien sincier mill-bidu nett meta informa lill-Pulizija li ma nsteraq xejn mid-dar tieghu.

Illi ghar-rigward tal-addebita tar-recediva l-Prosekuzzjoni esebiet erba' (4) sentenzi minn liema sentenzi jirrizulta li l-akkuza fuq ir-recidiva tal-imputat giet ampjament ippruvata. Illi *di piu* l-Qorti tinnota li l-imputat diga` nstab hati tar-reat ta' serq.

Illi ghar-rigward tar-raba' (4) akkuza l-Qorti tirrimarka li ma ngabet assolutament l-ebda prova f'dan is-sens mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk l-imputat m'ghandux jinstab hati ta' din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261, 263, 270, 278(3), 281(a), 289 u kif ukoll l-Artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Victor Fenech hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija, filwaqt li tilliberah mir-raba' (4) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat Victor Fenech sabiex ihallas l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri u li dawn jammontaw ghas-somma komplessiva ta' seba' mija hamsa u erbghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€745.45c).

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**